APPENDIĊI ● D

LYDIA ABELA

Rigal bi mħabba
Milied għat-tfal kollha

**Kunsilli Lokali**

Għat-tielet sena konsekuttiva, fil-bidu tax-xahar ta' Diċembru, kelli l-opportunità nħabbar l-inizjattiva Rigal bi Mħabba.

Sejħa ġenwina biex il-familji u n-negozji Maltin u Għawdxin iħallu rigal taħt is-siġra tal-Milied fi Pjazza Kastilja.

Din is-sena kienet waħda speċjali u unika. Għall-ewwel darba l-kunsilli lokali kienu involuti direttament fil-ġbir tar-rigali fil-lokalitajiet kollha ta' Malta u Għawdex.

Bil-ġenerożità tiegħek, erġajna assigurajna mill-ġdid li f'pajjiżna ma nħallux tfal mingħajr il-ferħ ta' rigal f'dawn il-jiem sbieħ tas-sena. Hekk kif issa twasslu r-rigali għand it-tfal, għandi biss kliem ta' apprezzament u gratitudni tas-sehem tiegħek u t-tim kollu fi ħdan il-kunsill lokali.

Grazzi mill-qalb.

**Dr Lydia Abela**

*Mart il-Prim Ministru*